KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**17/17T**

**Minuti tat-tkomplija tas-sbattax il-laqgħa tas-sbatax il-sena tal-Kunsill ta' Santa Venera li bdiet it-Tlieta, 2 ta' Novembru, 2010, li nzammet il-lum 11 ta' Novembru, 2010 sabiex tkompli fuq din l-agenda.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Bugeja - Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Aġenda**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010 15/17, Minuti tal-4 ta' Ottubru, 2010 15/17 Tkomplija, Minuti tal-25 ta' Ottubru, 2010 16/17)

3. Affarjiet li jitqajjmu mill-Minuti (Minuti tat-30 ta' Settembru, 2010 15/17, Minuti tal-4 ta' Ottubru, 2010 15/17 Tkomplija, Minuti tal-25 ta' Ottubru, 2010 16/17)

4. Skeda ta' pagamenti (Approvazzjoni)
5. Il-qaghda finanzarja sat-30 ta' Settembru 2010

6. Korrispondenza

7. Ilmenti

8. Affarjiet ohra

9. Aggornament

**4. Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)**

L-agent Segratarju Ezekuttiv informa lil Kunsilli illi l-Kunsill kien ircieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kien approva x-xiri u l-pagament tas-siggu u l-Computer ghall-uzu fl-Ufficju u htiega tas-Sindku u ghalhekk kien sejjer johrog il-purchase order u l-pagament kif mehtieg.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjega li sabiex il-Kunsill jinghata aktar informazzjoni u jkun hemm aktar accountability kien qed jigi addottat process ta tlett timbri dwar il-pagamenti.

L-ewwel timbru ghandu juri li l-pagament mitlub ikun gie iccekjat skond kif mehtieg, wara li jidhol fl-iskeda tal-pagament li titla quddiem il-Kunsill dan ghandu jigi markat approved (jekk ikun approvat mill-Kunsill) u meta l-kont jithallas dan jigi markat settled.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjegga li l-iskeda tal-pagamenti tkun tista tigi ffirmata minn dawk kollha prezenti waqt il-laqgha.

Ghalkemm il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana ma wera ebda nuqqas ta qbil ma xi pagament huwa qal li ma xtaqx jiffirma din l-iskeda ta pagamenti.

Il-Kunsill approva l-lista tal-pagament ghax-xahar ta Ottubru 2010 ghas-somma ta' €28,830.67 u qabel ukoll li l-Kunsill jaghmel il-pagamenti mehtiega.

Il-Kunsill approva ukoll il-pagament lill-Agent Segretarju Ezekuttiv skond statement mit-8 ta' Gunju sal-31 ta' Ottubru, 2010 li jammonta ghall €3128 li minnhom hemm taxxa €625.60 minn ras il-ghajn ghalhekk l-ammont pagabbli net ghal perjodu indikat lis-Sur Joseph M. Formosa huwa ta' €2502.40.

**5. Il-qaghda finanzjarja sat-30 ta' Settembru, 2010**

(i) Is-Sur Stephen Sultana qal li l-ammont ta €7137.42 li kien qed jidher bhala contingent liability fil-fatt kien diga mhallas.

Il-Kunsill qabel li jiccekja dwar dan u ghalhekk l-financial statements sat-30 ta' Settembru, 2010 ghandhom jigu prezentati fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.
(ii) Progett ta' bankini fi Strada Rjali San Guzepp, Santa Venera

Il-Kunsill qabel li jigu referuti l-minuti tal-laqghat precedenti tal-Kunsill sabiex fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill, il-Kunsill ikun jista jara dwar l-ispiza u l-pagament ta' dan ix-xoghol.

6. Korrispondenza

L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjega li minhabba volum ta' xoghol li qed jidhol l-iskrivana tal –Kunsill ma setatx tlahhaq u tipprepara lista ta korrispondenza izda kull min ried jaghmel riferenza ghal korrispondenza jista jaghmel dan facilment. Barra minn hekk l-e-mails kollha qed jintbaghtu lill-Kunsillieri kollha bi-sistema ta e-mails fl-indirizz moghti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Illi s-Segretarju spjega wkoll li qabel ma siefer kien ta korrispondenza sabiex tintbghat lill-ETC dwar l-ingaġġ ta' skrivan/a.

F'dan l-istadju s-Sindku ghamel proposta li jittiehdu passi kontra l-iskrivana Maria Aquilina peress li ma ghamlitx lista tal-korrispondenza.

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien qed joggezjona dwar li jittiehdu passi specjalment li s-Sinjorina Maria Aquilina ma tistax tlahhaq wahedha meta tinsab l-unika skrivana fil-Kunsill.

Is-Sindku ippropona li tintbghat ittra ta' twissija lis-Sinjorina Maria Aquilina.

Din il-proposta giet sekondata mill-Vici Sindku is-Sur Ronald Briffa.

Il-proposta ghaddiet ghal-vot.

Is-Sinjuri: Horace J. Anastasi, Ronald Briffa, Carmel Camilleri u Mariella Micallef ivvottaw favur.

Is-Sinjuri Stephen Sultana, Cleaven Bugeja u Edwin Formosa ivvotaw kontra.

Il-proposta ghaddiet.

7. Ilmenti

Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-Pulizija u l-Wardens sabiex b'mod immedjat jigi regolat u limitat id-dhul u l-hrug ta' vettutri kbar li jfixklu lir-resideni li joqghodu f'dawn it-toroq:

Triq Carini
Misrah Santa Venera
Misrah il-Barrieri
Triq il-Parilja
Triq Salvinu Spiteri
Triq Qormi ma Triq il-Kanun

Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lid-Ditta F. Busuttil sabiex ma jipparkjawx ingenji kbar f'Misrah Santa Venera.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinforma lill-Pulizija dwar cint li kienet bniet id-Ditta F. Busuttil f'Misrah il-Barrieri (fil-bidu ta'din it-triq) li jinsab fil-periklu li jaqa u li jista jaghmel hsara kbira jew jikkawza xi incident fatali.

Ilment mis-Sur Leonard Debono dwar sit fi Triq il-Kappillan Mifsud quddiem il-Caffeteria D'Izzo li jinghad li huwa proprjeta tal-Gvern (Dipartiment ta l-Artijiet/Joint Office)

Il-Kunsill qabel li jinkiseb t-tariff u dokumenti mehtiega sabiex l-avukat tal-Kusnill jikteb lid-Dipartiment ta l-artijiet ghaliex il-Kunsill ma jistax ihalli dan l-istat hekk hazin u jitlob li jsiru x-xoghlijiet mehtiega mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fl-iqsar zmien possibli.

Il-Kunsill qabel li jikteb lil-Pulizija u l-Wardens sabiex jittiehdu passi kontra l-istabiliment D'Izzo Caffetteria ghaliex dan l-istabiliment qed jisgombra l-bankina fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma Triq Omnibus.

**Ilmenti**

Il-Kunsill ikkunsidra lista tal-Ilmenti min-Numru 385 sa 421 u qabel li tittiehed l-azzjoni mehtiega:

(385) Il-Kunsill qabel li meta jkollna ghassies jitlob lil Ministru Pullicino dwar dan.
(386) on hold
(387) Il-Kunsill qabel li jikteb lit-Trasport Malta.
(388) on hold
(389) Il-Kunsill innota li l-kaz gie rizolt.
(390) on hold
(391) Il-Kunsill qabel li jirreferi ghall-Faith Garage billi jintbghatu l-gwardjani peress li qed ixerred iz-zejt u jahsel il-karozzi fit-triq.
(392) Il-Kunsill qabel li tinhareg Works Order lil Micamed.
(393) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(394) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.

(395) on hold
(396) Il-Kunsill qabel li jirreferi ghall-ilment numru 393.
(397) Il-Kunsill qabel li jirrefri l-kaz lit-Traspost Malta – Double Yellow Line
(398) Il-Kunsill qabel li tintbghat ittra bl-avukat lil Methode anke dwar il-hofor.
(399) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil Enemalta – 2 lamps
(400) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(401) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(402) on hold
(403) Il-Kunsill ma qabilx.
(404) Il-Kunsill qabel li tinhareg Works Order lil Micamed.
(405) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil MEPA.
(406) Il-Kunsill qabel li jikteb lil Methode.
(407) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(408) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(409) Il-Kunsill qabel li jezamina l-posizzjoni.
(410) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil-avukat ghall-azzjoni legali.
(411) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lil-avukat ghall-azzjoni legali.
(412) on hold
(413) on hold
(414) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta ghall-MC Bay.
(415) Il-Kunsill qabel li jkteb lis-sid ta' l-ghelieqi sabiex inehhi l-konkos mat-Triq il-Palazz l-Ahmar.
(416) Il-Kunsill qabel li jsib rapport tal-Pulizija u jitlob hlas min ghand min ghamel il-hsara.
(417) on hold
(418) Il-Kunsill qabel li jirreferi l-kaz lit-Trasport Malta.
(419) Il-Kusnill qabel li jitlob spjegazzjoni ghax diga hemm il-belishia lights quddiem il-BOV Headquarters.
(420) Il-Kunsill ta Santa Venera ma jistax jiehu azzjoni peress li dan jinsab fil-konfini tal-Kunsill tal-Hamrun.
(421) Inkitbet l-ittra lit-Trasport Malta.

Stephen Sultana pogga ilment dwar garage "Ton no" Triq Romeo Romano li huwa skuntrat qed jitlob spazzju sabiex ikun jista jikwartja. Horace J. Anastasi u Edwin Formosa serin jaghmlu inspection dwar dan.

Cleaven Bugeja pogga ilment li fi Triq l-Ghollieq inti u gej minn Triq Dun Alfred Gatt niezel l-isfel, hemm hanut u jekk tkun gej b'karozza tista' titla fuq bankina, ghaldaqstant ghandha issir barrier. Horace J. Anastasi sejjer jaghmel inspection dwar dan.

**Affarjiet ohra**

Il-Kunsill qabel li ghandha terga tinbaghat ittra lid-Ditta Ancora li uzat li-iesm u l-emblema minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali Santa Venera peress li d-ditta Ancora tidher li qed tinjora l-Kunsill.

**Programm Jum Santa Venera**

Is-Sindku qali li fil-programm sejjer ikun hemm l-involviment tal-iskejjel, ArtiSport, Fiera tal-Ghasel u Wirja tal-Artiggjanat f'Casa Leoni.

**Riceviment f'Jum Santa Venera**

Saret diskusjoni li l-lista tal-mistednin tkun ta 80 persuna.

Saret referenza dwar li s-Sindku kien talab lill-Kunsillier Edwin Formosa u l-Kunsilliera Mariella Micallef sabiex jiksbu quotations ghall-catering waqt ir-riceviment.

Kellu jigi ccarat dwar l-items li kien qed joffri La Dolce Pasticceria u dwar jekk il-quotation ta' Pinto Caterers kienetx tinkludi l-VAT.

Peress li kien qed isir il-hin li tinghalaq il-laqgha u peress li din kienet materja ta natura urgenti l-Kunsill kien kostrett li sat-12 ta' Novembru, 2010 u mhux aktar tard min-nofs in-nhar kemm is-Sur Edwin Formosa kif ikoll is-Sinjura Mariella Micallef ghandhom jinfurmaw lis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv bl-offerta li jkunu kisbu u b'hekk tkun tista tinkiseb l-ahjar offerta dwar il-catering.

Sat-12 ta' Novembru, 2010 l-10.30am l-Agent Segretarju Ezekuttiv kien gie infurmat illi La Dolce Pasticceria kien qed joffri l-catering ghal 100 persuna ghall prezz ta' €438.10 u dak ta' Pinto Caterers kienet ta' €426 li kienet l-ahjar offerta.

**Aggornament**

Peress li kien sar il-hin u li ma kienx hemm materja ohra fuq l-agenda u l-laqgha ghalqet fid-9.30pm u giet aggornata ghan-nhar il-Hmais 2 ta' Dicembru, 2010fis-6.00pm fuq agenda li ghandha tigi cirkulata qabel il-laqgha.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Agent Segretarju Ezekuttiv | Horace J. Anastasi<br>Sindku |

Data___________________